**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 12 ta' Lulju 2016**

Citazzjoni Nru. 276 / 04 RGM

**F N;**
**M L B;**
**K L B illi flimkien mal-istess attrici martu M L B, jidher bhala legittimi rapprezentanti u ghan-nom ta' uliedhom minuri S u T, ahwa L B**
**vs**
**A W P; X Z; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut X Z tat-23 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu qed jitlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet moghti minn din il-Qorti li permezz tieghu ordnat li jigi ezegwit id-digriet precedenti taghha tal-20 ta' Frar 2014 fejn il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar bhala esperta gudizzjarja u ordnat ukoll inter alia li jittiehed kampjun minn fuq il-persuna tal-konvenut Z ghall-finijiet tat-test tad-DNA.

Rat ir-risposta tal-konvenut Franciz W P tad-9 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha irrimetta ruhu.

Rat ir-risposta tal-attrici M L B li permezz taghha qed topponi ghar-rikors mertu ta' dan id-digriet.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut X Z qed jitlob illi l-ordni tal-Qorti sabiex jittiehed minn fuq il-persuna tieghu kampjun sabiex isir it-test tad-DNA ordnat ghandu jigi sospiz sakemm ma l-Qorti tiddeciedi l-eccezzjoni tieghu tal-"exceptio plurium concubentium". Jghid ghalhekk illi qabel ma tigi deciza tali eccezzjoni, l-ordni tal-Qorti li jsir it-test tad-DNA hija wahda intempestiva. Jissottometti illi huwa m'ghandux jigi ordnat li jaghti kampjun ghall-finijiet tat-test tad-DNA qabel ma tali eccezzjoni tigi deciza ghaliex altrimenti l-eccezzjoni minnu sollevata tingieb "fix-xejn". Jsostni illi una volta tali eccezzjoni giet sollevata jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fiz-zmien rilevanti hija ma kelliex relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra. Jissottometti illi jekk l-attrici tonqos milli tressaq il-prova li ma kelliex relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra fiz-zmien rilevanti, allura l-kawza ghandha tieqaf hemm u t-talbiet attrici jigu michuda.

Ikkonsidrat;

**L-Eccezzjoni Exceptio Plurium Concubentium.**

L-ewwel ma ghandu jigi deciz huwa xi kwalita' hi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Charles Z fil-hames u l-ahhar eccezzjoni tieghu a fol. 48 tal-process. Testwalment taqra kif gej:-

**"5. Illi inoltre l-eccipjent jissolleva wkoll l-*exceptio plurium concubentium* kontra t-talbiet attrici".**

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi tali eccezzjoni mhiex imsejsa fuq artikolu partikolari tal-ligi izda hija regola li ghandha l-fondament taghha fil-gurisprudenza. Ezami ta' studji komparattivi dwar ligijiet ewropew li jirregolaw il-filjazzjoni juru illi f'xi gurisdizzjonijiet tali eccezzjoni kienet regolata espressament fil-ligi. Fil-pubblikazzjoni "**Ultecht Law Review" Richard J. Blauwhoff** ippubblika ricerka minnu maghmula intitolata "**Tracing Down the Historical Development of the Legal Concept of the Right to Know One's Origins. Has 'to know or not to know' ever been the legal question**?" Blauwhoff jispjega illi din l-eccezzjoni giet ritenuta fil-ligi tal-Isvizzera sas-sena 1976. Ghalhekk f'pajjizi fejn l-eccezzjoni in dizamina kellha l-fondament taghha fi provvedimenti legali, ir-revoka ta' tali provvedimenti legali elimina l-possibilta' li tali eccezzjoni titressaq bhala difiza f'kawza ta' filjazzjoni.

Il-kuntrast bejn il-partijiet fil-kawza odjerna ma hux jekk ghadux permissibbli li titressaq tali eccezzjoni, izda jekk, kif qed jipretendi l-konvenut Z, tali eccezzjoni ghandiex tigi deciza qabel ma l-Qorti tordna li jsiru t-testijiet tad-DNA fuq il-konvenut Z.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq il-mertu tal-vertenza in dizamina u tasal ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut Z m'ghandux ragun meta jissottometti illi l-Qorti hi

prekluza milli tordna li jsir it-test tad-DNA qabel ma tkun iddecidiet l-eccezzjoni tal-konvenut Z illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-attrici L B, ommha l-attrici N kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel.

L-eccezzjoni tal-Plurium Concubentium essenzjalment hi eccezzjoni li tinkwadra ruhha aktar bhala regola ta' apprezzament tal-provi f'kawzi ta' filjazzjoni. F'termini semplici tali eccezzjoni tfisser illi meta l-Qorti tigi sabiex tiddelibera dwar talba sabiex tiddikjara persuna bhala missier persuna ohra, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni jekk omm il-persuna li qed titlob dikjarazzjoni ta' filjazzjoni kelliex relazzjonijitet intimi ma' rgiel ohra apparti l-persuna li kontra taghha l-azzjoni tkun giet diretta. M'hemmx dubju illi tali eccezzjoni ghandha l-origini taghha fiz-zmien meta l-prova xjentifika ma kenitx ghada possibbli, meta t-test tad-DNA ma kienx ghadu skopert.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Exceptio Plurium Concubentium ma hiex intiza sabiex twaqqaf ir-ricerka tal-verita' meta hemm prova ohra inkluz dawk xjentici, izda hija intiza sabiex tevita li ssir ingustizzja. Tenut kont l-origini fis-snin imbeghda ta' tali eccezzjoni fejn allura l-prova certa kienet skarsa, jekk kien jirrizulta illi omm il-wild kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi irgiel, il-Qorti setghat tiddikjara illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz ma kienx possibbli tasal ghall-konkluzzjoni almenu fuq bazi ta' probabilita' u dan peress li jekk ghall-grazzja tal-argument fiz-zmien rilevanti kellha relazzjoni intima ma' tlett irgiel differenti, kull wiehed minnhom setgha jkun il-missier. Huwa ghalhekk evidenti illi f'certi kazi din l-eccezzjoni ghadha validissima specjalment meta t-testijiet xjentifici ma hux possibbli li jsiru.

Il-Qorti tirribadixxi illi l-eccezzjoni tal-plurium concubentium ma hiex hemm sabiex tipprotegi lil min hu verament il-missier naturali tal-wild izda qeghda hemm sabiex tevita li jigi dikjarat missier min ma hux.

Ma hemm xejn la fil-ligi u lanqas fil-gurisprudenza li jwassal lil din il-Qorti tiddikjara illi ma tistax tordna t-test tad-DNA qabel ma tigi deciza l-eccezzjoni tal-plurium concubentium. L-eccezzjoni tal-plurium concubentium ma hiex eccezzjoni preliminari. Hija eccezzjoni fil-mertu u hekk kienet tigi konsiderata anke fiz-zmien meta t-test tad-DNA ma kienx ghadu jezisti. Hija eccezzjoni li naturalment jinkombi fuq il-konvenut li jeccepiha li jressaq provi fir-rigward. Dan pero' ma jillimita xejn mid-dritt tal-attur li jressaq provi sabiex jirribatti tali eccezzjoni. liema provi jistghu wkoll ikunu xjentifici.

Fil-fehma tal-Qorti is-sottomissjoni tal-konvenut Z illi bit-test tad-DNA ser tingieb fix-xejn l-eccezzjoni tieghu tal-plurium concubentium ma hiex legalment fondata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad ir-rikors tal-konvenut X Z tat-23 ta' Novembru 2015.

Bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**